**27 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Farrugia

*versus*

Paolo Farrugia

**Azzjoni Konfessorja — Passaġġ — Servitù — Dritt ta' Obligazzjoni.**

*Azzjoni li biha gabillott ta' raba' jitlob dekbaratorja fis-sens li hu għandu dritt jipprattika passaġġ fuq raba' li hu tal-istess sid, imma detenut minn gabillot ieħor, għandha l-apparenza*

*tal azzjoni konfessorja; imma billi azzjoni simili ma tirrigwardax servitù predjali vera u proprja, imma biss dak il-"modus vivendi" bejn id-diversi gabillotti ta' raba' tal-istess sid uniku lilhom moghti "titulo conductionis", li minnu joriġina dak li fil-ġurisprudenza nostrali jissejjah "servigi" bejn raba' u ieħor li jagħtu lok għal dritt ta' obligazzjoni, għalhekk id-deżinjazzjoni ta' azzjoni konfessorja mhix eżatta; għax l-azzjonijiet petitorji ma jikkompetux lil min ma hux proprjetarju, iżda kondutur biss.*

*Azzjoni simili proprjament hi għal dikjarazzjoni ta' dritt, bażat però fuq stat ta' fatt imperanti bejn il-kondutturi fir-relazzjonijiet ta' bejniethom "quoad possessum" b'titolu lokatizju; u din l-azzjoni, kontenuta f'dawn il-limiti, hija ammissibbli; u l-ġurisprudenza toffri kontinwament eżempji numerużi.*

*F'azzjoni simili l-attur, sabiex jirnexxi fl-istanza tiegħu, jeħtieġlu jipprova konkludentement li skond il-"modus vivendi" stabbilit u aċċettat mill-gabillotti nteressati hu għandu d-dritt li jeżerċita l-"jus itineris" minnu pretiż; u xejn ma tiswielu, biex b'xi mod isostni l-pretensjoni tiegħu, iċ-ċirkustanza li l-biċċa raba' mikrija għandu hi relattivament 'nterkjuża, għax, għalkemm hu jista' jgħaddi għaliha mittrieq, din hi twila u mhux possibbli li jgħaddi bil-bhima; għaliex, salvi ċirkustanzi oħra, is-sempliċi lontananza talfond mit-trieq publika ma hix biżżejjed.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-kontendenti, flimkien ma' oħrajn, għandhom b'lokazzjoni r-raba' "ta' Tabrija" fillimiti tas-Siġġiewi, proprjetà tal-Gvern Ċivili (Tenement numru 620), kullħadd però għandu l-qatgħa, jew qatgħat tiegħu, separati u distinti; u illi huwa minn dejjem, kull meta jkollu bżonn li jieħu ilma mill-bir li jinsab fil-qatgħa ta' Giovanni Bonello, adjaċenti għal dik tal-konvenut, jipprattika l-passaġġ minn fuq il-qatgħa tal-konvenut, sabiex ikun jista' jieħu l-ilma; u illi din is-sena l-imsemmi Paolo Farrugia laqqgħu u ma ħalliehx jgħaddi, avvolja interpellat b'ittra uffiċjali tad-9 ta' Lulju 1958; jitlob illi,

premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż li huwa għandu d-dritt illi jgħaddi minn fuq il-qatgħa tal-konvenut għall-oġġett li jieħu l-ilma mill-bir li jinsab fil-qatgħa ta' Giovanni Bonello, u li għalhekk l-oppożizzjoni tal-konvenut hija illegali u nġusta. Salva kull azzjoni oħra konsegwenzjali, inkluża dik għad-danni. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Lulju 1958, kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Marzu 1960, li biha ddeċidiet billi rrespingiet id-domanda tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-kontendenti, flimkien ma' oħrajn, għandhom b'lokazzjoni minn għand il-Gvern Ċivili r-raba' "ta' Tabrija" msemmi fiċ-ċitazzjoni, li fih xi 28 tomna, b'mod però li kulħadd għandu qatgħa jew qatgħat minnu separati u distinti, kif indikat fil-pjanta fil-fol. 56 tal-proċess. Hekk l-attur minn dan ir-raba' għandu l-qatgħat indikati f'din il-pjanta *bin-numri* 2, 4, 7, 9 u 11, u l-konvenut dawk *indikati* bin-numri 1 u 14. Fir-raba' kollu hemm diversi bjar, fosthom tnejn li ilhom hemm minn dejjem, u huma tal-Gvern; dawn qegħdin wieħed fil-qatgħa numru 2, tal-attur, u l-ieħor f'dik numru 5, ta' ċertu Giovanni Bonello. L-attur jippretendi li għandu dritt jieħu l-ilma għall-qatgħa tiegħu numru 4 mill-bir li qiegħed fil-qatgħa numru 5 tal-imsemmi Bonello, u li biex jagħmel hekk jgħaddi minn fuq il-qatgħa numru 1. tal-konvenut. Dan tal-aħħar ma jikkontestax id-dritt tal-attur li jieħu l-ilma minn dak il-bir għall-qatgħat tiegħu numri 9 u 11, kif lanqas ma jikkontesta li l-attur għandu dritt jgħaddi minn fuq il-qatgħa tiegħu numru 1 biex imur fil-qatgħa numru 9, imma jikkontesta li l-attur għandu dritt li *jgħaddi mill-qatgħa* tiegħu numru 1 biex jieħu l-ilma mill-bir imsemmi għall-qatgħat numri 2 u 4;

Illi l-qatgħa numru 4 ilha għand l-attur xi tliet snin, u qabel kienet għand Giuseppe Bonello għal xi 20 sena. L-

attur jgħid li minn dejjem kien hemm ftehim bejn id-detenturi ta' dan ir-raba' li kull wieħed minnhom jieħu l-ilma mill-bir li jkun jidhirlu — liema ftehim huwa stess għamlu mal-konvenut f'Ġunju 1958, fil-preżenza ta' Ignazio Bonello, anzi dak inhar ġie miftiehem li huwa kellu jieħu l-ilma mill-bir li hemm fil-qatgħa ta' Giovanni Bonello. Fi kliem ieħor, l-attur jippretendi li kien intlaħaq "modus vivendi" bejn l-awtur tiegħu u bejnu, li jakkordalu d-dritt ta' passaġġ minnu pretiż. Huwa jgħid ukoll li fi żmien it-tliet snin li ilha għandu l-qatgħa numru 4 huwa għadda mill-għalqa numru 1 tal-konvenut u dan ma laqgħux, għalkemm kien hemmhekk;

Illi l-attur ma rnexxielux jasal biex jipprova l-pretensjoni tiegħu. Ma jirriżultax li kien hemm il-ftehim imsemmi mill-attur . . . . . Infatti, rigward il-pretiż ftehim li sar fi żmien li dik il-qatgħa kienet għand Giuseppe Bonello, dan fix-xhieda tiegħu dan il-ftehim ma jsemmiehx . . . . Il-konvenut (recte l-attur) għalhekk jaqbel li l-ftehim minnu msemmi kien biss li huwa jieħu l-ilma mill-bir fil-qatgħa ta' Giovanni Bonello, imma mhux ukoll li, biex jagħmel hekk, jgħaddi minn fuq il-qatgħa tal-konvenut . . . . . .;

*Omissis;*

Rat fol. 82 in-nota tal-appell tal-attur u fol. 83 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi akkolta t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-ambitu tal-azzjoni, għal dak li jirrigwarda l-pretiża tal-attur u l-kontestazzjoni tal-konvenut, hu rettament indikat fl-ewwel konsiderando tas-sentenza appellata fuq riportat. Bil-verbal reġistrat f'din is-sedi fl-udjenza tal-23 ta' Mejju 1960 il-partijiet iddelimitaw il-limiti tal-kontroversja;

Kwantu għax-xorta tal-azzjoni esperita, din il-Qorti tirrileva dan li sejjer jingħad. Apparentement it-termini tal-istanza huma dawk tal-azzjoni konfessorja. Però peress li f'dan il-każ il-kwistjoni ma tirrigwardax servitù predjali vera u proprja, imma tirrigwarda dak il-"modus vivendi" bejn id-diversi gabillotti ta raba' ta' sid uniku, lilhom mogħti "titulo conductionis", li minnu joriġinaw dawk li jissejħu fil-ġurisprudenza nostrali "serviġi" bejn raba' u ieħor, li jagħtu lok għal dritt ta' obligazzjoni personali (ara Kollez. Vol. VI. paġ. 473; XXV-II-629; XXIX-II-854; XXXIII-I-362; XXXVIII-I-244-245), għalhekk ma tkunx eżatta d-deżinjazzjoni ta' azzjoni konfessorja; għax l-azzjonijiet petitorji ma jikkompetux lil min bħall-kontendenti f'din il-kawża ma hux proprjetarju, iżda kondut-tur biss (Kollez. XXXV-I-14);

Fil-petizzjoni l-azzjoni hi prospettata bħala dik tar-reintegranda;

Il-lokuzzjoni adibita fl-att taċ-ċitazzjoni però lanqas tadatta ruħa għall-azzjoni privileġġjata ta' spoll. L-attur qiegħed jitlob deklaratorja fis-sens li hu għandu d-dritt li jipprattika l-passaġġ "de quo". Kif jidher minn nota tiegħu fol. 71, hu qiegħed jibbaża dan id-dritt minnu allegat fuq il-"modus vivendi" li kien ġie stabbilit mill-gabillotti ta' qabel, u li mbgħad ġie segwit u osservat, dejjem kif jgħid hu, mill-gabillotti li ssuċċedew fil-konduzzjoni. Għalhekk proprjament l-azzjoni hi għal dikjarazzjoni ta' dritt, bażat però fuq stat ta' fatt imperanti bejn il-kondutturi fir-relazzjonijiet ta' bejniethom "quoad possessum", b'titolu lokatizju. Azzjoni simili, kontenuta fil-limiti fuq traċċjati, hi ammissibbli; u l-ġurisprudenza toffri kontinwament eżempji numerużi (ara Kolloz. Vol. XXIV-I-658; Vol. XXXIII-I-361; u Vol. XXXVIII-I-241);

Fl-azzjoni preżenti, l-attur, sabiex jirnexxi fl-istanza tiegħu, jeħtieġ li jipprova konkludentement li, skond il-"modus vivendi" stabbilit u aċċettat mil-gabillotti interessati, hu għandu l-jedd li jeżerċita l-"jus itineris". traċċjat bl-aħmar fil-pjanta (fol. 56) tal-perit adoperat mill-Ewwel Qorti, fuq il-porzjon tal-konvenut sabiex jieħu l-ilma mill-

bir li hemm fil-porzjon numru 55 ta' Giovanni Bonello, markat "Z", għall-bżonnijiet tal-porzjonijiet tiegħu 4 u 2, sija pure limitati dawn il-bżonnijiet għal dak li ġie ndikat fil-verbal fuq imsemmi, ċjoè biex ibejjet xi xtieli minn Mejju sa Lulju;

Din il-Qorti, wara li eżaminat id-depożizzjonijiet, ġiet għall-konklużjoni li, kif irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-prova ma ġietx raġġunta. L-istess attur pjuttost jidher li qiegħed jeskludi l-istess pretiża tiegħu, għax jgħid, fol. 30 . . . . . . :— "Mill-bir in kwistjoni għandi d-dritt nieħu l-ilma għar-raba' ta' isfel," ċjoè (ara l-pjanta) għall-porzjon nru. 9". U aktar tard (fol. 80 tergo) jgħid:— "Jiena ġa għidt li qatt ma sar ftehim biex ngħaddu minn hemm, u kulħadd kien jgħaddi minn fejn irid". Ma hemmx bżonn jingħad li, biex jieħu l-ilma għall-porzjon numru 9, ma hemmx bżonn ta' mogħdija fuq il-porzjon tal-konvenut. Anki jekk xi darba Giuseppe Bonello għadda fl-imgħoddi (hu qal xi darbtejn f'għoxrin sena), u anki jekk xi darba għadda l-attur minn mindu akkwista hu din il-wejba raba' tliet snin ilu, dan jista' jġib biss għal att ta' tolleranza, mhux produttiv ta' "modus vivendi" jew obligazzjoni personali; anki in bażi għall-massima bażata fuq ir-respons tal-ġurekonsult Paolo:— "Qui jure familiaritatis amici fundum ingreditur non videtur possidere, licet corpore in fundo sit";

L-attur fix-xhieda tiegħu fol. 30, ħalli jsostni b'xi mod il-pretensjoni tiegħu, jgħid li jista' jgħaddi mit-trieq. iżda din twila u mhux possibbli li jgħaddi bil-bhima. A fol. 70 hu pprećiża dan id-diżaġju. Imma għandu jiġi osservat li, jekk b'din iċ-ċirkustanza l-attur qiegħed jaddući l-motiv tal-interklużjoni relattiva, jista' jiġi rilevat li, salvi ċirkustanzi oħra, is-sempliċi lontananza tal-fond mit-trieq publika ma hix biżżejjed (Kollez. XXVI-I-865; XXXVIII-I-120);

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tas-sentenza appellata;

**Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.**